# Tagħrif dwar il-Festa tal-Missier Tagħna l-Koppin San Leonardu Abbati





**Kitba ta' Leonard Agius**

Fi tfuliti meta l-festa kienet issir fix-xitwa, fis-6 ta' Novembru jew l-ewwel Ħadd fuq is-6 ta' Novembru l-funzjonijiet tal-knisja kien ikun fihom għaxqa. Il-knisja kienet tkun mimlija nies attenti għall-predikatur li kien jippriedka minn fuq il-pulptu li llum dan jinsab fil-knisja tal-Lunzjata. Tant kienu jkunu attenti li fir-raħal ftit kienu li ma jafux il-ħajja ta' San Leonardu u konferma ta' dan huwa meta nhar il-festa fis-siegħa ta' wara nofsinhar Karlu Mizzi Ta' Borom kien jitla' fuq iz-zuntier tal-knisja tal-Lunzjata u jagħmel priedka fuq il-ħajja ta' San Leonardu fejn kienu jinġabru ħafna nies. F'dak iż-żmien ma kinitx użanza tal-marċ bil-banda iżda użanza oħra kienet li nhar il-festa kienet issir il-*Badge Day*. Dan kien jikkonsisti f'ritratt żgħir ta' San Leonardu b'ċoff aħmar żgħir u labbra tar-ras biex jitwaħħal fuq il-ġlekk jew sidrija. Dawk li kienu jilbsu dan ir-ritratt kienu jagħtu xi ħaġa tal-flus lil żewġt itfal li kienu jduru b'kaxxa tal-kartun mimlija b'dawn ir-ritratti u bott żgħir bi spaga biex jiġbru d-donazzjonijiet għal dawn iċ-ċfuf. Użanza oħra kienet waqt il-ħruġ ta' l-istatwa ta' San Leonardu mill-bieb tal-knisja, kienet tintefa' xita ta' karti mqatta' rqaq ħafna kollha kuluri u fidda flimkien ma' sunetti li kienu jagħmlu dehra sabiħa ħafna. Barra dan kollu kien jitkanta l-innu popolari lil San Leonardu. '*Bħala Warda li Tgħaxxaq bil-Fwieħa*', dan l-innu tkanta l-ewwel darba fil-festa tas-6 ta' Novembru 1937. Dan l-innu ġie miktub minn Carmelo Galea, Salesjan. Hija ħaġa xierqa li nkunu nafu min kien Carmelo Galea.



*Carmelo Galea*

Carmelo Galea twieled Birkirkara fl-1890, u kien awtur ta' diversi xogħlijiet għall-palk u poeżiji.




*Santa ta' San Leonardu. Warajha nsibu l-Innu 'Bħala Warda' li tkanta fl-1937.*

Qabel daħal Salesjan kien imur l-oratorju li għandhom is-Salesjani f'Birkirkara. Fis-sena 1910 ingħaqad mas-Salesjani bħala aspirant f'St. Patricks Tas-Sliema u wara ġie mibgħut Turin fejn beda n-novizzjat fl-1914, u għamel l-ewwel professjoni Katanja, Sqallija. Fl-1917 ġie Malta u għamel it-tieni professjoni. Wara li sar saċerdot kompla jikteb diversi kotba reliġjużi, drammi teatrali, kanzunetti u innijiet. Carmelo Galea miet fl-1973.

Is-sena 1960 kienet sena speċjali għal Ħal Kirkop u dan għaliex ġew iċċelebrati l-14-il ċentinarju mill-mewt glorjuża tal-Missier tal-Koppin kollha San Leonardu. Dawn il-festi bdew mis-6 ta' Novembru 1959 sa l-4 ta' Settembru 1960. Għal dawn il-festi li saru fil-knisja ġew mistiedna għall-funzjonijiet il-kapitoli ta' Malta kollha għal kull ġurnata, kif ukoll l-isqfijiet ta' Malta u Għawdex. Il-mużika kienet f'idejn Mro. Vincenzo Bugeja. Mro. Vincenzo Bugeja kien iħobbha ħafna l-festa ta' San Leonardu u għalhekk kien ikollu l-aħjar mużiċisti u kantanti tant li ma kont tixba qatt tisma' l-innu l-antifona *O Salvator Captivorum* kif ukoll *Tantum Ergo*, wieħed mhux bħall-ieħor. Barra dawn il-funzjonijiet kien sar pellegrinaġġ bl-istatwa ta' San Leonardu, li għadda mit-toroq tar-raħal kollu. Dan il-pellegrinaġġ spiċċa f'misraħ Kirkop fejn f'nofs il-lejl fuq it-taraġ tal-knisja tal-Lunzjata ġiet iċċelebrata quddiesa mill-Kappillan tal-parroċċa Dun Pawl Pace li fi żmienu saru dawn il-festi. Mal-festi tal-knisja l-Għaqda Mużikali San Leonardu ħadet ħsieb il-festi esterni. Għalhekk għal din l-okkażjoni l-kumitat ta' dak iż-żmien inkariga lis-Surmast tal-banda li kien Mro. George Martin biex jikkomponi innu lil San Leonardu, dan aċċetta din l-istedina u fuq versi ta' Dun Frans Camilleri sar dan l-innu. Meta s-surmast ikkompona l-mużika, kor ta' tfajliet minn Ħal Kirkop ġew mgħallma jkantaw dan l-innu sabiħ mill-Organista tal-knisja Anġlu Spiteri, Ġolin. Dan l-innu ndaqq għall-ewwel darba mill-Banda San Leonardu taħt id-direzzjoni ta' Mro. George Martin. Minbarra l-Banda San Leonardu għal dawn il-festi ġew mistiedna diversi baned, dik ta' Santa Marija ta' Ħal Għaxaq, La Stella tal-Gudja kif ukoll Santa Katarina taż-Żurrieq. F'dak iż-żmien fil-każin kien hemm ħidma kbira, nisa jħitu purtieri, inxtraw linef, salott u għamara għall-każin. Id-dilettanti tan-nar taw is-sehem tagħhom ukoll u għalkemm dak iż-żmien ma kienx hemm kamra tan-nar taw wirja sabiħa ħafna.

San Leonardu itlob għalina.



***Il-Kappillan Dun Mikiel Spiteri li fi żmienu sar: il-ventartal għall-artal maġġur u wara mewtu ħalla lil San Leonardu rużetta tad-deheb. (Ritratt bil-kortesija ta' Carmel Baldacchino, Żejtun.)***